Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/29

15.1.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/29

tat-30 ta' Ottubru 2024

li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1235 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż, emendi għall-Ispeċifikazzjonijiet tal-Prodott, kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni u r-reġistru

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi qafas uniku komuni tal-Unjoni għar-reġistrazzjoni u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fi tliet setturi agrikoli (l-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli). Għal dan il-għan, huwa jemenda jew iħassar, skont ma jkun meħtieġ, dawk ir-Regolamenti li qabel kienu jipprevedu oqfsa separati f'dawk is-setturi: Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) ġie emendat fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-settur tal-inbid, ir-Regolament (UE) 2019/787 ġie emendat fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-settur tax-xorb spirituż u r-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-settur tal-prodotti agrikoli u tal-oġġetti tal-ikel tħassar.

(2) Ir-Regolament (UE) 2024/1143 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu proċedura uniformi għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għas-setturi agrikoli tal-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli. B'riżultat ta' dan, l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati preċedentement abbażi tas-setgħat mogħtija fir-regolamenti settorjali jridu jiġu emendati jew imħassra, skont ma jkun meħtieġ biex jinġiebu f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143 u mal-leġiżlazzjoni sekondarja tiegħu.

([1]) ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/787/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1151/oj).

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1235 ([5]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/787 b'regoli, fost oħrajn, dwar l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, emendi għall-Ispeċifikazzjonijiet tal-Prodott, kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni u r-reġistru. Fil-qafas il-ġdid tal-Unjoni għall-indikazzjonijiet ġeografiċi stabbilit bir-Regolament (UE) 2024/1143, li jkopri tliet setturi agrikoli (l-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli), ir-regoli inklużi fir-Regolament Delegat (UE) 2021/1235 huma sostitwiti b'mod eżawrjenti, parzjalment b'ċerti dispożizzjonijiet inklużi fir-Regolament (UE) 2024/1143 u parzjalment bid-dispożizzjonijiet inklużi fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 ([6]), li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 b'regoli li jikkonċernaw, fost l-oħrajn, il-proċeduri għall-emendi tal-Unjoni u u għall-approvazzjoni u l-komunikazzjoni ta' emendi standard u temporanji. Għalhekk, fir-rigward tas-settur tax-xorb spirituż, ir-Regolament Delegat (UE) 2021/1235 ġie obsolet u jenħtieġ li jitħassar minħabba li d-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet adottati fir-Regolament (UE) 2024/1143 jew fir-Regolament Delegat (UE) 2025/27, li japplikaw ukoll għas-settur tax-xorb spirituż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2021/1235 huwa mħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1235 tat-12 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż, emendi għall-Ispeċifikazzjonijiet tal-Prodott, kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni u r-reġistru (ĠU L 270, 29.7.2021, p. 1 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/1235/oj).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).